SAN ĠWANN

MINUTI

KUNSILL LOKALI SAN GWANN

IS-SITT LEGISLATURA

LAQGHA NUMRU ERBGHA

1 ta' Settembru 2009

Il-Kunsill Lokali San Gwann iltaqa' fl-Ufficju Amministrattiv tieghu fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Gwann fil-5.40 ta' fighaxija.

PREZENTI

Is-Sindku Joseh Agius, il-Vici Sindku Etienne Bonello DuPuis u l-Kunsillieri Violet Bajada, Marica Bayliss, David Dalli, Joan Farrugia, Neville Mallia u Rita Saliba.

SKUZAT

Il-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici.

UFFICJAL PREZENTI

Is-Segretarju Ezekuttiv Adrian Mifsud

MINUTI

Is-Sindku Joseph Agius ppresjeda.

**4.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

4.1.1 Il-Kunsill kien mitlub jikkunsidra u japprova l-Minuti tal-laqgha numru 4 ta' l-1 ta' Settembru 2009.

4.1.2 Emenda mressqa mill-Kunsillier Neville Mallia:

4.1.3 Rigward minuta 3.6.18, ghandha tizdied is-sentenza, *"Il-Kunsillier Neville Mallia ippropona li l-Kunsillier responsabbli ghandu jkun prezenti ghal-laqgha".*

4.1.4 Il-Kunsillier Rita Saliba issekondat. Kien hemm qbil unanimu dwar din l-emenda.

4.1.5 Emenda mressqa mill-Kunsillier Marica Bayliss:

4.1.6 Rigward minuta 3.4.1, ghandhom jizdiedu s-sentenzi, *"Il-Kunsillier Marica Bayliss staqsiet jekk ir-rapport li gie prezentat fil-Hames Kunsill kienx jirrifletti deficit. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li kif inhuma rapprezentati il-figuri fit-template tal-Ligi, dan ma jkunx rifless izda minnhom jirrizulta d-deficit. Il-Kunsillier Neville Mallia kien staqsa jekk il-Hames Kunsill kisirx il-Ligi. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegbu li iva".*

4.1.7 Il-Kunsillier Neville Mallia ssekkonda din l-emenda. Kien hemm qbil unanimu dwar din l-emenda.

4.1.8 Emenda mressqa mill-Kunsillier Marica Bayliss:

4.1.9 Il-Kunsill jaqbel illi f' minuti 3.6.5, 3.6.10, 3.6.16, 3.6.20 u 3.6.24 minflokk il-kelma "estiz" ghanda tidhol il-kelma *"imgedded".*

4.1.10 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Neville Mallia u ghaddiet unanimament.

4.1.11 Emenda mressqa mll-Kunsillier Marica Bayliss:

4.1.12 Rigward minuta 3.8.12, minflokk il-kliem 'ser tigi kkunsidrata' ghandu jidhol il-kliem *"giet accetata".*

4.1.13 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier David Dalli u ghaddiet unanimament.

4.4.14 Emenda mressqa mill-Kunsillier Marica Bayliss:

4.1.15 Dwar minuta 3.8.10, ghandha tizdied is-sentenza *“ Ghandha tingab kwotazzjoni ghal-upgrading tal-website tal-Kunsill”.*

4.1.16 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

4.1.17 Emenda mresqa mill-Kunsillier Joan Farrugia:

4.1.18 Dwar minuta 3.6.14, ghandu jizdied il-kliem *“Dak in-nhar tal-Festa l-Latrina Pubblika ghandha tinghalaq min-nofs in-nhar sa s-sitta ta’ filghaxija”.*

4.1.19 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Rita Saliba u ghaddiet unanimament.

4.1.20 Emenda mresqa mill-Kunsillier Violet Bajada:

4.1.21 Dwar minuta 3.8.12, ghandu jizdied il-kliem *“Il-Kunsillier Violet Bajada staqsiet meta se jsir il-qtugh tal-haxix”.*

4.1.22 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farruagia u ghaddiet unanimament.

4.1.23 Il-Kunsillier Marica Bayliss resqet din il-mozzjoni:

4.1.24 *“Il-Kunsill japprova l-Minuti tal-laqgha numru 3 (27 ta’ Lulju 2009) kif emendati”.*

4.1.25 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Violet Bajada u ghaddiet unanimament.

4.1.26 Dwar minuta 3.6.12, il-Kunsill kien infurmat li l-laqgha mal-*Mediterrean Insurance Brokers* saret, u rizultat ta’ dan u laqgha ohra, il-polza kienet estiza peress li kienet l-iktar vantaggjuza.

4.1.27 Dwar minuta 3.7.4, dwar il-laqgha li kellha ssir mal-Ministru tal-Gustizzja u l-Intern, il-Kunsill kien infurmat li qed izomm kuntatt kontinwu mal-Ministeru biex tigi koordinata din il-laqgha.

4.1.28 Il-Kunsill kien infurmat bil-laqgha li kellu s-Sindku mas-**“~~Surgent~~” “Spettur”** Spiteri, fejn is-Sindku talab biex l-Ghassa tkun miftugha regolarment. Is-**“~~Surgent~~” “Spettur”** informah li ma kellhomx pulizija bizzejjed.

***Emendata Laqgha nr. 5***

4.1.29 Dwar minuta 3.8.2, il-Kunsill kien infurmat li saret *site inspection* ma’ kuntrattur, izda dan kif ra l-kwantita’ ta’ xoghol li kien hemm biddel il-hsieb. Gie

rrakkomandat li l-lista ta' tindif ta' *culverts* tigi pprezentata lill-Ministeru tar-Rizorsi u Affarijiet Rurali.

4.1.30 Dwar minuta 3.8.12, il-Kunsill kien infurmat li l-Cart Ruts qed jitnaddfu.

4.1.31 Saret diskussjoni dwar dawn ix-xoghlijiet u l-accessibilita ghas-sit tal-Cart Ruts u li dwar dan kien hemm qbil li jigu maghluqa temporanjament. Kien inottat li l-Cart Ruts huma devoluti lill-Kunsill u ghalhekk il-Kunsill huwa responsabbli ghall-hsarat.

4.1.32 Il-Kunsill qabel li jidhol f' diskussjoniijiet ma' l-ETC dwar il-*Community Workers Scheme*, fejn haddiem kwalifikati jigu assenjati mal-Kunsill ghal tletin siegha fil-gimgha biex jaghmlu xoghol ta' manutenzjoni.

4.1.33 Kienet approvata kwotazzjoni ghall-ispiza approsimativa ghax-xoghlijiet msemmija ghal -fence madwar il-Cart Ruts, li tammonta bejn €150 u €160.

4.1.34 Dwar minuta 3.2.6. Il-Kunsill gie nformat li dik il-parti fi Triq Bella Vista ma kinitx koperta b' talba lill-Awtorita' Dwar it-Trasport. Gie deciz li ghandu jsir ezercizzju biex Triq Bella Vista tigi nkluza mal-kumplamet ta' l-iskema flimkien ma Triq il-Begonja u Triq Gjacinti.

4.1.35 Dwar minuta 3.8.4,fir-rigward taz-zewg *skips* li kien hemm fi Triq il-Virdun gie deciz li wahda titpogga fi Triq il-Baltiku u l-ohra fi Triq Censu Barbara. Dwar zewg *skips* li kienu gew mahruqa, kien gie deciz li dawn ghandhom jergghu jitpoggew lura mill-kuntrattur fi Triq R. Caruana Dingli u l-ohra fi Triq San Giljan.

## 4.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku

4.2.1 Dwar l-iskema ta' l-*Energy Saving*, il-Kunsill kien infurmat li rcieva *grant* massimu ta' €10,000 flok ta €7,900.

4.2.2 Dwar il-hrug ta' permess ghall-izvilupp ta' Gnien Stefanotis, il-Kunsill kien mgharraf li l-MEPA accetta l-applikazzjoni, u talbet is-somma ta' madwar €45,000 bhala garanzija. Il-Kunsill ma qabilx ma dan.

4.2.3 Dwar l-Attivita' – "Ktieb pass 'il boghod minnek", il-Kunsill gie mgharraf li inghata *voucher* b' valur ta' €100 ghal-xiri ta' kotba, inkluz cekk ta' €466 bhala investiment addizjonali fil-Librerija Lokali.

4.2.4 Il-Kunsill rcieva ittra dwar l-attivita' 'Festa tal-Bnadar' li se ssir bejn il-11 u 13 ta' Settembru. Gie deciz li tingab kwotazzjoni minghand Gauci Borda Ltd biex

tinxtara bandiera u jigu msewwija l-hbula ta' l-arbli ta' hdejn il-Knisja u hdejn il-Kunsill.

4.2.5 Giet ipprezentata ittra minghand il-Kullegg ta' Santa Klara, f' Pembroke, fejn talbu l-ghajnuna tal-Kunsill fit-tindif ta' madwar l-iskola, liema talba ma kinitx milqugha.

4.2.6 Giet ipprezentat ittra minghand li IPS Ltd, fejn ma din l-ittra kien hemm annessa *daily job sheet*. Saret diskussjoni dwar il-haddiema ta' l-IPS Ltd. Gie propost li l-Kunsill ghandu jahdem **"~~biz-zewg haddiema~~" "bil-haddiem wiehed"** li hawn prezentament assenjati lill-Kunsill. Kien ukoll deciz li jekk xi hadd juri l-interess li jigi jahdem fil-Kunsill ta' San Gwann dan irid jaccetta l-kundizzjonijiet tal-Kunsill.

***Emendata Laqgha nr. 5***

4.2.7 *Sar recess bejn it-8.30 u t-8.45 ta' filghaxija.*

**4.3 Direzzjoni mid-Dipartiment ghal-Gvern Lokali dwar lnfiq**

4.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv pprezenta Ittra ta' Direzzjoni dwar l-Infiq mibughta mid-Dipartiment ghal-Gvern Lokali li tinsab annessa bhala dokument A. Kien iccarat li din mhux l-Ittra ta' Direzzjoni ta' l-Awdituri Lokali.

4.3.2 Saret diskussjoni dwar il-kontenut u kien hemm qbil li l-Kunsill se jaderixxi mal-Ligi u l-htigijiet ta' l-Ittra ta' Direzzjoni dwar l-Infiq.

4.3.3 Kien hemm qbil unanimu li fir-rigward ir-risposta ghall-Ittra ta' Direzzjoni ta' l-Awditur Lokali jinhatar Konsulent sabiex jaghti opinjoni dwar il-kontenut mhejji bhala risposta tal-Kunsill. Il-kwotazzjoni m' ghandiex taqbez €1,165.

4.3.4 Dwar Kuntratti, kien hemm qbil li l-Kuntratturi iridu jaghmlu xoghlhom skond l-ispecifikazzjonijiet u mhux joqghod ifakkarhom il-*Contracts' Manager*.

4.3.5 *Il-Kunsilier Neville Mallia skuza ruhu mill-laqgha fid-9.55 ta' filghaxija.*

4.3.6 *Il-Vici Sindku skuza ruhu mil-laqgha fid-9.55 ta' filghaxija.*

4.3.7 Saret diskussjoni dwar it-Tindif ta' Toroq u l-Qtugh ta' Haxix, fejn kien hemm qbil li l-Kunsill irid xoghol ahjar u skond l-ispecifikazzjonijiet.

4.3.8 *Il-Kunsillier Neville Mallia dahal lura ghal-laqgha fl-10.05 ta' filghaxija*.

4.3.9 Kien hemm qbil li *Site plan* bil-frekwenza tal-Knis tinghata lil kull Kunsillier.

**4.4 Rapport dwar l-Indikatur Finanzjarju**

4.4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv pprezenta l-FSI u norma lill-Kunsill li qed jigi registrat progress, fejn l-ewwel kwart tas-sena halla bilanc ta' €22,000.

4.4.2 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

4.4.3 "*Il-Kunsill approva l-FSI kif ipprezentat".*

4.4.4 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsullier David Dalli. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**4.5 Kuntratt tal-Gbir ta' Skart Mhallat**

4.5.1 Saret diskussjoni dwar Memo 26/2009 dwar il-gbir ta' l-Skart fil-lokalita' u l-kuntratt propost mieghu.

4.5.2 *Il-Kunsillieri Violet Bajada u Rita Saliba skuzaw ruhom mil-laqgha fl-10.30 ta' filghaxija.*

4.5.3 Gie deciz li d-Dipartiment ghal-Gvern Lokali jigi mitlub jaghti tlett xhur estensjoni lil Kunsill fuq il-kuntratt ezistenti peress li dak propost ghadu mhux konkluziv.

4.5.4 *Il-Kunsillier Rita Saliba dahlet lura ghal-laqgha fl-10.33 ta' filghaxija*

4.5.5 Gie propost li ssir laqgha specifika biex jinbeda l-process tal-kuntratt il-gdid kif ukoll li qabel ghandu jsir *questionnaire* bl-*inp*ut tal-Kunsillieri.

**4.6 Parir Legali dwar il-Pubblikazzjoni tal-Magazin**

4.6.1 Il-Kunsill kien ipprezentat bil-parir legali dwar dan l-issue.

4.6.2 Kien hemm qbil illi ssir laqgha ma' l-Union Print Ltd bhala l-kuntrattur prezenti.

**4.7 Applikazzjoni ghal Partecipazzjoni f' Inizjativi ghal Fondi**

4.7.1 Dwar il-Kampanja Edukattiva ghal-lokalitajiet indaf, kien hemm qbil li ghandhom isiru attivitajiet ikkordinati mill-Kunsillier David Dalli.

4.7.2 Dwar l-iskema Inizjattiva Attivitajiet 2010, il-Kunsilliera Marica Bayliss u Joan Farrugia kellhom itellghu lista ta' l-attivitajiet li l-Kunsill se jhejji ghas-sena 2010.

4.7.3 Dwar l-iskema ghall-Fondi Specjali, il-Kunsill iddiskuta li jigi propost ir-rigenerazzjoni ta' gnien f' Misrah Lewza, fejn il-Kunsill juza 50% mill-iskema u ukoll it-€13,000 tal-UIF sabiex jiffinanzja dan il-progett.

4.7.4 *Il-Kunsillier Rita Saliba skuzat ruha mil-laqgha fil 11.15 ta' flghaxija.*

4.7.5 Il-laqgha ntemmet fil-11.15 ta' filghaxija billi ma kienx hemm kworum.

4.7.6 Il-laqgha giet aggornat ghat-Tnejn, 7 ta' Settembru 2009.

Konfermati, illum **28 ta' Settembru 2009**

| | |
|---|---|
| ________________ | ________________ |
| Joseph Agius | Adrian Mifsud |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |